MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2006

Numru 404/2006

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Carmel Grech, iben Antonio,
imwieled il-Belt, Valletta
fl-20 ta’ frar, 1951
u
Helen Calleja, bint Michael
Farrugia, imwielda Birkirkara
fit-22 ta’ ottubru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-25 ta’ april, 2006, f’dawn il-Gżejjer, bla ħsieb li jisirqu jew jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom, ġiegħlu, bl-awtorita’ tagħhom infushom, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi ħadd fil-

pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħlu fi ħwejjeġ ħaddieħor;
lil Carmel Grech, waħdu –
2. talli fil-25 ta' april, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda rċeva mingħand ħaddieħor jew kiseb mingħand ħaddieħor xi wegħda li jingħata, lilu jew lill-oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħax jew xi qliegħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li hu permess bil-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldqstant, issib lill-imputat Carmel Grech ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 85 u 298Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100). Issib lill-imputata Helen Calleja ħatja tal-akkuża miġjjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------